Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2376

24.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2376

tal-4 ta' Novembru 2025

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward il-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 103 u 352, flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") għal ftehim supplimentari fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([1]), tat-30 ta' Diċembru 2020 (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), fir-rigward tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit rigward il-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom f'isem l-Unjoni (il-"Ftehim"). In-negozjati tlestew fil-livell tekniku.

(3) L-għan tal-Ftehim huwa li jippromwovi u joħloq qafas għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni eżistenti fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u tar-Renju Unit, min-naħa l-oħra, bil-ħsieb li jissaħħaħ l-infurzar effettiv tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Filwaqt li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tar-Renju Unit jikkooperaw abbażi tal-Artikolu 361(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Artikolu 361(4) jiddikjara li l-partijiet jistgħu jidħlu fi ftehim separat dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni. Bħala tali, il-Ftehim huwa ftehim supplimentari skont it-tifsira fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(4) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1772 ([2]) li r-Renju Unit jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) mill-Unjoni għar-Renju Unit.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ta opinjoni fil-15 ta' Lulju 2025 ([5]),

([1]) Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1772 tat-28 ta' Ġunju 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mir-Renju Unit (ĠU L 360, 11.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1772/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([5]) https://www.edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/opinions/2025-07-15-opinion-132025-proposals-council-decisions-signing-and-conclusion-agreement-between-european-union-and-united-kingdom-great-britain-and_en.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward il-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, bil-kundizzjoni li l-Ftehim jiġi konkluż [6].

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AAGAARD

[6] It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.